MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 22/2003

Joseph Portelli, u
Rita mart Joseph Portelli .

vs

Pasqualino Cefai .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti sabiex thallas lill-atturi dik is-somma ta' flus li tigi likwidata in linea ta' danni sofferti mill-atturi minhabba feriti personali li garrab l-attur, Joseph Portelli meta inti fil-hamsa (5) ta' Ottubru, 2002, fit-triq Skappuccina, Zebbug, Ghawdex, aggredejt u sawwat lill-attur Joseph Portelli permezz ta' furkettun u dana ngustament u minghajr ebda provokazzjoni minn naha tal-attur b'tali mod u manjiera li l-attur Joseph Portelli kellu jigi rikoverat ghal perijodu ta' zmien fl-isptar Generali ta' Ghawdex u llum irrizulta li

b'rizultat tas-swat li qala', huwa sofra debilita' permanenti f'idejh il-leminija, kif jirrizulta mill-annessi certifikati medici, hawn annessi u markati Dokumenti "A" u "B", liema danni jikkonsistu kemm fl-ispejjez li huwa nefaq kagun tal-feriti li sofra kif ukoll danni fi kwalita' ta' lukrum cessanti minhabba l-feriti li sofra f'idejh il-leminija u dana wara li jigi dikjarat li l-istess attur huwa unikament hati ghal incident hawn fuq imsemmi u li ghalhekk huwa responsabbli ghal hlas tad-danni li sofra l-attur, li kif diga' gie spjegat, jikkonsisti kemm fl-ispejjez li huwa nefaq minhabba l-feriti li sofra u danni minhabba d-debilita' permanenti li huwa ghandu liema danni, jekk hemm bzonn, jigu likwidati b'nomina ta' perit mediku ghal l-istess fini .

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa imharrek . Bl-ispejjez ukoll tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru 2003 .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi preliminarjament il-konvenut jecepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante li din il-kawza si tratta minn likwidazzjoni ta' danni allegatament sofferti mill-attur per konsegwenza ta' debitlita' permanenti u ghalhekk kellha tigi prezentata quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni superjuri ;
2. illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-incident tal-5 ta' Ottubru, 2002 fi Triq Skappuccina, Zebbug, Ghawdex kien provokat mill-attur illi hebb ghall-konvenut b'senter, li minn naha tieghu ma kellu l-ebda triq ohra ghajr li jiddefendi ruhu .
3. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjoni ta' l-attur li sofra xi debilita' permanenti hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt u qed issir biss biex jipprova jiehu xi haga minghand il-konvenut .
4. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal taghha tal-11 ta' Marzu 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' kompetenza .

Rat in-noti ta' referenzi rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din l-ewwel eccezzjoni tieghu il-konvenut jikkontendi illi din il-Qorti mhix kompetenti tiehu konjizzjoni tat-talba attrici billi huwa qed jitlob il-likwidazzjoni tad-danni allegatament ikkagunati lilu mill-konvenut u ghalhekk, billi l-valur huwa indeterminat, hija kompetenti l-Qorti Superjuri . In sostenn ta' din it-tezi tieghu l-konvenut jiccita tliet sentenzi fejn intqal illi meta l-valur tal-kawza huwa wiehed indeterminat, il-Qorti kompetenti tkun dik superjuri[1] . Infatti fil-kawza "**Vicky Coleiro noe. vs. Michael Grech**" fejn gie spejgat x'jaqa' fil-kompetenza ta' din il-Qorti intqal illi :

"*Huwa maghruf sewwa illi din il-Qorti, bhala Qorti ta' kompetenza inferjuri ghandha gurisdizzjoni limitata u bhala tali tista' tiehu konjizzjoni biss ta' dawk il-hwejjeg indikati fil-ligi .* ***Infatti din il-Qorti hija kompetenti biex tiehu konjizzoni ta' kull pretensjoni sa l-ammont ta' hames telef lira****, kontra persuni li joqghodu, jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja f'Ghawdex jew Kemmuna . Izda il-kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta' ta' beni immobbli, servitujiet, pizijiet jew jeddijet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli, ghad li pretensjoni ma tkunx tiskorri l-hamest'elef lira, ma jidhlux fil-kompetenza ta' din il-Qorti . Fi kwistjonijiet ta' proprjeta' ghandha kompetenza biss tiehu konjizzjoni ta' talbiet ta' zgumbramnet minn bini jew raba, sakemm il-kera relattivia ma tiskorrix l-istess somma ta' hames telef lira (art. 47 – 50 tal-Kap. 12).*" [2]

---

[1] Ara Nota ta' referenzi tal-konvenut tat-18 ta' Mejju 2004. a fol. 16 u s-sentenzi maghha annessi .
[2] sentenza ta' din il-Qorti tat-28.6.2002 .

Imbaghad fil-kawza "John Said vs Michael Bugeja" [3], fejn it-talba kienet prattikament identika ghal dik prezenti u l-ammont ta' danni mitluba ma kienx gie specifikat, il-konvenut kien qajjem eccezzjoni simili ghax ippretenda illi d-danni allegati qatt ma setghu jissuperaw is-somma ta' hamest elef lira maltija (Lm5000) li huwa l-ammont massimu ghall-fini ta' kompetenza ta' din il-qorti . Fis-sentenza taghha dik il-Qorti kienet iccitat minn sentenza ohra taghha fejn intqal f'dan ir-rigward illi :

"…. *L-art. 747 tal-kap. 12 jistabilixxi illi meta l-valur ikun incert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-Qorti ta' gurisdizzjoni limitata . Hekk ukoll jitqies dejjem bhala li ghandhom valur li ma jistax jigi determinat, inter alia dawk il-kawzi li fihom il-valur tal-haga ma jirrizultax mit-talba ta' l-attur, u lanqas ma jista' jigi determinat bil-mod imsemmi fil-ligi, bhal ma hu l-kaz in ezami . Dana peress illi, ghalkemm f'certi kazi l-ligi tikkomtempla l-hatra ta' periti sabiex jistabilixxu l-valur ta' l-oggett in kwistjoni ghall-fini ta' kompetenza, bhal ma kien jigri per ezempju sa qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi l-godda tal-procedura meta kienet tqum kwistjoni f'kaz ta' appell minn certi sentenzi moghtija minn din il-Qorti, tali hatra ma tistax tapplika wkoll ghal kaz bhal ma hu dak in ezami . Dana appuntu ghaliex…. tali nomina tkun qed tinfluwixxi direttament anzi tiddecidi minn qabel fuq il-mertu, xi haga li tista' tigi determinata biss wara li jkunu ngabru l-provi kollha dwar il-hsara allegatament ikkagunata*."[4]

Imma fil-kaz in ezami ghandna proprju l-kuntrarju, ghax l-attur, ghalkemm ma semmiex l-ammont minnu pretiz, qed jillimita ruhu ghal somma li ma teccedix il-hamest elef lira maltija (Lm5000), mentri fil-kawza citata l-attur ma riedx jillimita ruhu ghal dik is-somma biss, u ghalhekk intavola l-kawza tieghu fil-qorti superjuri . Kien appuntu ghalhekk ukoll illi l-Qorti ta' l-Appell meta qamet kwistjoni simili ta'

---

[3] sentenza ta' din il-Qorti fil-kompetenza superjuri taghha tat-30.1.2004 .

[4] sentenza preliminari fil-kawza quddiem din il-Qorti fil-kompetenza superjuri taghha fl-ismijiet : Angelo Parnis vs Joacchino Galea et. moghtija fit-3.4.1997 .

kompetenza f'talba ghad-danni, filwaqt illi ammettiet il-kompetenza tal-Qorti superjuri, ittemperat il-kap ta' l-ispejjez ghax kien jidher ovvju illi d-danni kkagunati kienu ta' valur insinjifikanti.[5] Ma kien ikun hemm ebda gustifikazzjoni ghat-temperament fil-kap ta' l-ispejjez li kieku l-attur ma seta' qatt jintavola l-kawza fil-qorti inferjuri f'kaz ta' talba ghad-danni *da likwidarsi* kif donnu qed jippretendi l-konvenut .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi dwar din l-eccezzjoni preliminari tal-kompetenza billi tichad l-istess eccezzjoni, tiddikjara ruhha kompetenti li tkompli tisma' din il-kawza u thalliha ghalhekk ghall-kontinwazzjoni .

L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali .

s2203Pc(sip)

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Appell Civili Superjuri: Giuseppe Gatt vs Carmel Mifsud:4.11.1963